gundalla. Wara, erħi 'l ommi tidlikhielhom bil-butir, għax kif kienu jgħidu, jagħmel tajjeb biex tinżlilhom.

Jien u ħuti tgħidx kemm konna nħobbu l-annimali. Hija ż-żgħir, kien għadu nitfa meta kien jagħmel bikja għax ikun irid il-puli, meta dak li kien joqgħod faċċata tagħna, l-għasfur li kellu f'gaġġa żgħira, kien joħorġu għax-xemx. Oħti l-oħra, minkejja li kienet għadha żgħira ħafna, dejjem b'xi girfa fuq idejha. Meta ommi kienet tistaqsiha biex għamlitha kienet tweġibha:. "Il-pejxu (qattus), meta ġebbidtu minn denbu".

Ma' ommi għand tal-laħam, il-biċċa l-kbira nhar ta' Sibt jew lejlet xi festa, tgħidx kemm kont niddejjaq narah joqtol xi muċċu (fenek) jew xi ziza (tiġieġa). Dawn kienu jnewwluhomlu nisa oħrajn, meta jkunu għazlu l-ismen jew l-isbaħ, wara li jkunu qallbu ta' taħt fuq iż-żrameċ, bċieċen, tiġieġ u x'naf jien, li kien ikun hemm f'gaġġa mdaqqsa fir-rokna tal-ħanut.

Illum, aħna bħalhom qlibna kollox ta' taħt fuq iżda mhux biex nagħżlu l-isbaħ imma biex nagħżlu dak li m'huwiex tagħna. Kliem ċkunitna, għal bosta, sar qisu kliem li jbaxxi. Biex, mingħalihom, juru kemm huma għorrief, kliem barrani jaraw kif jgħawwġuh u jdawwruh biex jinqdew bih minflok dak li bih kellmuna u fissduna x-xjuħ tagħna. Dan, minkejja li biex ilissnuh, tgħidx kemm iridu jgħawwġu ħalqhom u jissugraw li jigdmu xufftejhom.

**Kitbiet għall- "L-Imnara"**

**Il-kitba għandha tkun xogħol oriġinali, riżultat ta' esperjenza jew riċerka personali dwar aspetti ta' nteress folkloristiku. L-editur ma jaċċettax kitbiet li ma jikkontribwixxu xejn ġdid jew li dehru qabel f'pubblikazzjoni oħra.**
**Indirizz ta' l-editur : 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02**